MINUTI

REGJUN CENTRALI

LAQGHA NUMRU 7

20 ta' April 2011

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida fl-indirizz Pjazza Menqa Msida fis-6.30 ta' fil-ghaxija.

**PREZENTI**

President tar-Regjun Dr. Malcolm Mifsud, Is-Sur Etienne Bonello Dupuis Sindku San Gwann, Is-Sur Horace J. Anastasi Sindku Santa Venera, Dr. John Zammit Montebello Sindku Balzan, Ms. Antoinette Vassallo Sindku Ta' Xbiex, Is-Sur Joe Camilleri Vici Sindku Gzira, Ms. Margaret Baldacchino Vici Sindku Msida, Ms. Annhelica Agius Vici Sindku Pieta u s-Sur Samuel Herd Segretarju Ezekuttiv.

**SKUZATI**

Kunsill San Giljan – Raguni moghtija – Impenji ohra

Kunsill Attard – Raguni moghtija – Laqgha tal-Kunsill

**ASSENTI MINGHAJR RAGUNI**

Kunsilli - Iklin, Lija, Birkirkara, Sliema,

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Approvazzjoni tas-skeda tal-pagamenti
3. Korrispondenza
4. Tender LES – Update
5. Stemma gdida ghal Kumitat Regjonali
6. Ufficcju tal-Customer Care – Update
7. Life + Update
8. Internal Mobility Info Sheet – Presentation by Mr. Mark Causon

**8. INTERNAL MOBILITY INFO SHEET–PRESENTATION BY MARK CAUSON**

Dr. Mifsud talab lill-Kumitat sabiex is-Sur Mark Causon jaghmel il-prezentazzjoni tieghu. Is-Sur Causon introduca ruhu bhala EU Affairs Consultant. Hu nforma lill-dawk prezenti li diga qieghed jahdem fuq xoghol iehor relatat mall-EU funding mall-Kunsill Lokali ta' Hal-Balzan. Is-Sindku Dr. Zammit Montebello ikkonferma dan u zzid li xoghol miexi tajjeb hafna.

Is-Sur Causon taghha spjegazzjoni tal-proposti tieghu li hija "Energy Efficient Internal Transport Modes". Hu zzied jghid li l-qofol tal-progett huwa transport b'sistema elektrika bejn l-lokalitajiet halli jonqsu drastikament l-emmissjonijet fl-arja. Hu kompla jghid li l-fondi mill-EUse jkunu ta' 80% b'koffinanzjar ta' 20%. Hu semma l-importanza li l-applikazzjoni (taghlaq fil-15 ta' Mejju 2011) ssir fuq l-isem tar- Regjun halli jkun hemm aktar sahha.

Il-membri prezenti qablu unaninament li tintbghat l-applikazzjoni peres li d-data tal-gheluq hija vicin hafna. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jghaddi l-audited accounts tal-Kunsilli tar-Regjun lis-Sur Causon

1.. **MINUTI**

Approvati l-minuti tal-laqgha numru 6 u sekondati mis-Sur Etienne Bonello Dupuis.

2. **KORRISPONDENZA**

Ittra No.2 (01/04/11) minghand Dr. Adrian Delia ta' Aequitas Legal fejn talab kemm huwa l-ammont ta' depozitu sabiex jsir appell ha rigward ittra ta' 30/03/11 mibghuta lill-Aureila Enforcement Ltd mir-Regjun Centrali. L-ittra giet diskussa fit-tender LES aktar il-quddiem.

3. **APPROVAZZJONI TAS-SKEDA TAL-PAGAMENTI**

Giet approvata unaninament lis-skeda ta' Marzu u April 2011 u sekondata mis-Sur Etienne Bonello Dupuis.

4. **TENDER LES**

Giet diskussa l-ittra msemminja hawn fuq. B'relazzjoni ma din l-ittra Dr. Mifsud informa lill-membri prezenti, li sar appell mit-tenderer Aurelia Enforcement Ltd. l-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-ismijiet taz-zewg avukati li urew l-interess taghhom li jirrapprezentaw li-Regjun Centrali f'kaz t'appell. L-avukati huma Dr. Keith Grech u Dr. Veronika Aquilina. Wara diskussjoni qasira, gie deciz unaninament li t-tnejn li huma ghandhom jigu mahtura. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jikkuntattjhom, halli jibdew jahdmu fuq il-kaz.

5. **STEMMA GDIDA GHAL KUMITAT REGJONALI**

Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-membri prezenti li d-data tal-prezentazzjoni ta' abbozz ta' stemma giet estiza sa l-ahhar ta; Gunju 2011. Huwa ukoll ipprezenta kwotazzjoni minghand Blueskin Ltd. Il-membri prezenti qablu li ghandhom jingabru kwotazzjonijiet ohra ghal l-istess ghan. Dawn ghandhom jigu pprezentati fil-laqgha li jmiss tar-Regjun.

## 6. UFFICCJU TAL-CUSTOMER CARE

Dr. Malcolm Mifsud informa lill-Kumitat, li l-Authorising Officer tar-Regjun is-Sur David Soler ippropona li Elizabeth Richards sabiex tkun il-Customer Care Officer tar-Regjun. Kien hemm diskussjoni u s-Sur Etienne Bonello Dupuis ma qabielx li l-ufficcjal ghandha tinhatar mis-staff ezisenti tat-Tribunali. Dr. Mifsud tenna, li ghandha nkomplu nuzaw l-istaff ezisenti u mhux nimpjegaw nies godda, li ovjamanent jrid jkun hemm it-tahrig relatat ghalihom, halli x-xoghol jibqa ghaddej.minghajr problemi. Huwa fakkar li l-impjegati prezenti jistaw jigu impjegati mar-Regjun kif indikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-membri l-ohra prezenti qablu li ghandha tinhatar din l-persuna.

## 7. LIFE + UPDATE

Is-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill-dawk prezenti li ghadu ma rceviex informazzjoni minghand is-Sur Engerer il-Vici Sindku tal-Kunsill Lokali Sliema kif propost fil-laqgha precedenti. Dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

Il-laqgha ntemmet fi 8.15 ta fil-ghaxija.

Data u hin ghal laqgha li jmiss se jigu kkomunikati aktar il-quddiem.

Samuel Herd

Segretarju Ezekuttiv

Dr. Malcolm Mifsud

President

Agenda tal-laqgha tar-Regjun Centrali 20/04/11

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Approvazzjoni tas-skeda tal-pagamenti
3. Korrispondenza
4. Tender LES – Update
5. Stemma gdida ghal Kumitat Regjonali
6. Ufficcju tal-Customer Care – Update
7. Life + Update
8. Internal Mobility Info Sheet – Presentation by Mr. Mark Causon

Samuel Herd

Segretarju Ezekuttiv Regjun Centrali

0035621342424

# March/April 2011 Schedule of Payments

| Payment To | Commodity | Date | Inv./Rec. No | Amount | Cheque/Cash |
|---|---|---|---|---|---|
| Dr. Malcolm Mifsud | Honorarium | 25/03/11 | | €530.33 | Cheque No.24 |
| Dr. Malcolm Mifsud | Honorarium | 29/04/11 | | €530.33 | Cheque No.27 |
| Samuel Herd | Salary | 25/03/11 | | €2020.28 | Cheque No.25 |
| Samuel Herd | Salary | 29/04/11 | | €1899.15 | Cheque No.28 |
| GO | Telephone bill | 25/03/11 | 25305029 | €26.18 | Cheque No.26 |
| Petty Cash | Soap/toilet paper | 26/03/11 | 7118674-1 | €5.70 | Cash |
| Petty Cash | Stamps | 12/03/11 | 12 | €1.90 | Cash |
| Petty Cash | Soft drinks/biscuits | 16/03/11 | 26 | €5.60 | Cash |